MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 218/2002/1

**Anthony Abela**

**vs**

**Rose Abela**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta’ Frar 2002 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur Anthony Abela u l-konvenuta Rose Abela zzewgu fit-2 ta’ Settembru 1973 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “AA1”;

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal, Judith u Jenette, illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal aktar minn sitt (6) snin;

Illi l-imsemmija Rose Abela rrendiet ruhha hatja kontra l-attur zewgha ta' adulterju, sevizzi, eccessi minacci u ngurji gravi, b'mod li rrendiet impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok. "AA2");

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Abela minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi li l-imsemmija Rose Abela kkommettiet fuq zewgha;

2. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

3. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

4. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta’ Mejju 2002 fejn Dr. Ilona Debono ghall-attur tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza; u tad-29 t’Ottubru 2002.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-2 ta’ Dicembru 2002 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi, hlief ghall-fatt li l-kontendenti jghixu separati *de facto.*

2. Illi l-eccipjenti fic-cirkostanzi taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u zewgha l-attur Anthony Abela, pero’ dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lilu minhabba li kien hu li rrenda ruhu hati fil-konfront ta’ l-eccipjenti ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi u ngurji gravi, b’rizultat li l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli unikament bi htija tieghu.

3. Konsegwentement taqbel mat-tieni talba attrici pero’ t-tielet u r-raba’ talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza u *in linea* ta’ rikonvenzjoni taghmel kontro-talba u ghalhekk premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta’ Settembru 1973, u ghandhom zewgt itfal Judith Abela, u Jeanette Abela, it-tnejn maggorenni.

Illi l-imsemmi Anthony Abela rrenda ruhu hati fil-konfront ta’ martu l-attrici, ta’ adulterju, swat, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi, u ngurji gravi, u l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli. L-attur ma ghadux joqghod mal-familja u l-kontendenti ilhom separati *de facto* madwar sitt snin.

Illi l-attur ghandu obbligu li jmantni ’l martu.

Illi l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess attur;

2. Tikkundannah ihallas retta alimentari lill-eccipjenti li tigi stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-eccipjenti u l-ohra lill-attur, u tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-eccipjenti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u/jew parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-eccipjenti l-valur taghhom kif jigi likwidat.

5. Tapplika kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli tmienja u erbghin (48), u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbal tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn fejn inghata digriet nota guramentata, u digriet ta' l-affidavits liz-zewg partijiet b'terminu ta' sebghin (70) gurnata kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali sabiex wara t-terminu moghti lill-attur jiffissa zewg seduti ghall-konluzjoni provi attrici, u wara t-terminu tal-konvenuta jiffissa zewg seduta ohra ghall-konkluzjoni provi taghha. Wara tali seduti l-Perit Legali huwa awtorizzat jirrelata a spejjez provizorjament attrici.

Rat in-noti ta’ l-attur, wahda datata 23 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess, ohra tat-18 ta’ Marzu 2003 li biha pprezenta l-affidavits ta’ hutu Carmen Bonnici u Gina Abela, u ohra tas-27 ta’ Marzu 2003 fejn ipprezenta l-affidavits ta’ Joseph Rapinett u Raymond Mercieca.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti tal-20 ta’ Mejju 2003 fejn talab l-awtorizzazzjoni li jzomm zewg seduti ohra ghall-kontro-ezamijiet.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-21 ta’ Mejju 2003 fejn laqghet it-talba b’dan li wara tali seduti l-provi jigu definittivament dikjarati maghluqa u l-Perit Legali jghaddi ghar-rapport.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 10 t’Ottubru 2003 li biha esebiet l-affidavit taghha u ta’ wliedha Jeanette u Judith Abela.

Rat il-verbali tat-22 t’Ottubru 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li r-rapport gie redatt u jonqos biss li jigi mhallas; tat-12 ta’ Novembru 2003; tal-4 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Perit Legali kkonferma r-relazzjoni tieghu bil-gurament; tal-21 ta’ Jannar 2004 fejn Dr. Ilona Debono ghall-attur irrimettiet ruhha ghar-rapport; u tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn Dr. Pawlu Lia ghall-konvenuta msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Novembru 2004, fejn regghet giet differita ghat-30 ta’ Novembru ghall-istess skop.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluz x-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 1973, u kellhom zewgt itfal li huma llum maggorenni, u l-istess partijiet ilhom separati *de facto* aktar minn tmien snin. Pero' din il-kawza ta' separazzjoni giet prezentata mill-attur biss cirka sentejn u nofs ilu.

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, u wkoll ir-rapport peritali ta' Dr. Mark Chetcuti, liema rapport in verita' ma gie kkritikat mill-ebda parti, tant li l-attur irrimetta ruhu ghall-istess. Min-naha tal-konvenuta baqghet passiva u sahansitra meta kellha ssir il-finali trattazzjoni ma ghamlet l-ebda kumment, fejn anke l-avukat taghha baqa' ma deherx. Dan kien fil-11 ta' Marzu 2004 u minn dakinhar l-ebda att ma gie pprezentat lanqas mill-konvenuta sabiex tindika fejn ma taqbilx ma' l-istess. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghti s-sentenza taghha.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha dwar responsabbilta' taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-istess Perit Legali, u taghmel referenza ghall-ispjegazzjoni minnu moghtija fl-istess rapport u taddottahom bhala parti minn din is-sentenza.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti, inkluzi dawk tal-konvenuta u ta' ulied il-kontendenti Jeanette u Judith Abela, li llum ghandhom tmienja u ghoxrin (28) sena u tnejn u ghoxrin (22) sena cirka rispettivament, jirrizulta li l-istess attur kien hati *verso* martu u anke wliedu ta' vjolenza domestika u ma kienitx l-ewwel darba li hallihom fil-bzonn. Fil-fatt meta kibru kellhom jahsbu wkoll ghall-ghixien tal-familja taghhom. Jirrizulta wkoll li l-istess attur missierhom kien mohhu sabiex jiddeverti ma' hbiebu, jisker u jilghab u certament li l-familja ma kenitx priorita' tieghu. Kawza ta' dan l-istess ulied ta' l-attur ghadhom imwegghin ghaliex l-attur kien telaq id-dar konjugali meta huma kienu ghadhom tfal – mhux biss izda jidher li hallihom nieqsa mill-manteniment. Jirrizulta wkoll li l-attur kommetta adulterju fil-konfront tal-konvenuta u llum jghix ma' mara ohra. Din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jidher li abbanduna d-dar konjugali proprju minhabba din ir-raguni. Illi ghalhekk l-attur huwa primarjament responsabbbli

ghall-firda personali bejn il-partijiet minhabba eccessi, theddid, sevizzi, inkluz vjolenza domestika, u ngurji gravi, u adulterju u abbandun tal-familja, liema atti rrendew il-hajja bejn il-konjugali mpossibbli u z-zwieg illum tkisser irremedjabbilment.

Illi din il-Qorti thoss li in linja ssussidjarja l-konvenuta kkontribwiet ghall-firda personali bejn il-partijiet u dan minhabba certu konfidenzi li kellha ma' persuna ohra li jammontaw ghal eccessi, u dan fil-parametri spjegati mill-Perit Legali.

Illi dwar manteniment din il-Qorti jirrizultala li kull parti qeghda attwalment tmantni lilha nfisha u ghandha ntrojtu taghha. Ghalhekk fic-cirkostanzi thoss li tenut kont li l-ulied huma llum maggorenni, l-istess partijiet ghandhom jiddekadu mill-manteniment kontra xulxin.

Illi din il-Qorti tiddikjara wkoll xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan b'effett mis-sena 1996, u tiddividi l-istess billi tassenja lill-konvenuta l-kirja tal-fond matrimonjali 14 A, Riccardo Taylor Street, Cospicua, b'dak kollu li hemm fl-istess post, inkluz l-ghamara kollha, filwaqt li l-attur qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Peugeot 405 u s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) li gja' tinsab fil-pussess tieghu. Mill-bqija taddotta l-konkluzjonijiet kollha tal-Perit Legali bhala parti minn din is-sentenza, inkluz li l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tliet mitt lira Matin (Lm300) rapprezentanti kreditu parafernali taghha provenjenti minn wirt favuriha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad *in parte* l-ewwel talba attrici, u tichad it-tielet talba, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Abela principarjament minhabba l-agir ta' l-attur peress li huwa hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi, theddid, sevizzi,

inkluz vjolenza domestika, ingurji gravi, adulterju u abbandun tal-familja, liema atti rrendew il-hajja bejn il-konjugali mpossibbli u z-zwieg illum tkisser irremedjabbilment. Din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija in linja sussidjarja responsabbli ghall-istess firda u dan minhabba eccessi kommessi minnha fil-konfront ta' l-attur kif premess.

(2) Tilqa' din it-talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan b'effett mis-sena 1996, u tiddividi l-istess billi tassenja lill-konvenuta l-kirja tal-fond matrimonjali 14 A, Riccardo Taylor Street, Cospicua, b'dak kollu li hemm fl-istess post, inkluz l-ghamara u mobbli kollha li hemm fl-istess dar, filwaqt li qed tassenja lill-attur il-vettura tal-marka Peugeot 405 u s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) li gja' jinsabu fil-pussess tieghu. Mill-bqija taddotta l-konkluzjonijiet kollha tal-Perit Legali bhala parti minn din is-sentenza, inkluz li l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti kreditu parafernali taghha provenjenti minn wirt favuriha, u dan ukoll kif ser jigi ordnat a bazi tar-raba' talba tal-kontro-talba tal-konvenuta.

(3) Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

(4) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra l-konvenuta d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur li jahti principarjament ghal dan il-pronunzjament tal-firda personali.

Illi rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur in kwantu biss l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha, tilqa' t-talbiet l-ohra fl-istess kontro-talba** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti principarjament minhabba l-agir ta' l-attur

minhabba li huwa hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi, theddid, sevizzi, inkluz vjolenza domestika, ingurji gravi, adulterju u abbandun tal-familja, liema atti rrendew il-hajja bejn il-konjugali mpossibbli u z-zwieg illum tkisser irremedjabbilment. Din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija in linja sussudjarja responsabbli ghall-istess firda u dan minhabba eccessi kommessi minnha fil-konfront ta' l-attur kif premess.

(2) Tichad din it-talba *stante* li llum ma huwa dovut l-ebda manteniment mill-attur lill-konvenuta.

(3) Tilqa' din it-talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan b'effett mis-sena 1996 u tiddividi l-istess billi tassenja lill-konvenuta l-kirja tal-fond matrimonjali 14 A, Riccardo Taylor Street, Cospicua, b'dak kollu li hemm fl-istess post, inkluz l-ghamara u mobbli kollha li hemm fl-istess dar, filwaqt li qed tassenja lill-attur il-vettura tal-marka Peugeot 405 u s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) li gja' jinsabu fil-pussess tieghu u mill-bqija taddotta l-konkluzjonijiet kollha tal-Perit Legali bhala parti minn din is-sentenza, inkluz li l-attur jigi kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti kreditu parafernali taghha provenjenti minn wirt favuriha, u dan ukoll kif ser jigi ordnat a bazi tar-raba' talba tal-kontro-talba tal-konvenuta li ser tigi hawn appena deciza.

(4) Tilqa' din it-talba u tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta l-ammont ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti kreditu parafernali taghha, kif fuq premess.

(5) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16**.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kontra l-attur li jahti principarjament ghal dan il-pronunzjament tal-firda personali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------